SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fit-Tieni Sena Kindergarten

F'Novembru 2024 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2025-2026. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għat-Tieni Sena Kindergarten.

## Postijiet għas-Subien tat-Tieni Sena Kindergarten Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien mainstream huwa ta' tmienja u sittin (68) post. Post (1) każ serju inqaleb għal mainstream.

Niġbdu l-attenzjoni li l-figuri li ġew ippublikati fir-regolamenti ta' Novembru, għall-iskola St. Angela Msida, oriġinarjament kienu jinkludu disgħa (9) postijiet mainstream. Hawn saru xi aġġustamenti u tnaqsu għal tlett (3) postijiet. Allura t-total ta' postijiet mainstream huwa ta' tlieta u sittin (68+1-6=63) post. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

### It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1a Tfal mid-djar tal-knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 10 |
| *1ċ Aħwa* | 13 |
| ***Total*** | **24** |

### Postijiet għas-Subien tat-Tieni Sena Kindergarten li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għal subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 7 postijiet. Post (1) minn tal-bniet mainstream inbidel għal każ serju biex jintlaqgħu l-applikanti ta' l-ewwel kriterju. Allura t-total ta' postijiet bis-sapport hu ta' tmien (7+1=8) postijiet. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, il-postijiet disponibbli jiġu l-ewwel offruti għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1ċ Aħwa* | 3 |
| ***Total*** | **3** |

### Subien tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien każijiet soċjali huwa ta' sitt (6) postijiet. Post minn dawn inqaleb għal każ soċjali bniet. Għalhekk jifdal

ħames postijiet. Ma rċevejna l-ebda applikazzjoni ta’ każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta’ każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

**Subien tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet tal-Ażil**

Skont ir-Regolamenti t-total ta’ postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien każijiet tal-ażil huwa ta’ żewġ (2) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f’Marzu.

## Postijiet għal Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten *Mainstream*

Skont ir-Regolamenti t-total ta’ postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet mainstream huwa ta’ tlett mija sebgħa u għoxrin (327). Żewġ (2) postijiet bniet inqalbu għas-subien. Post (1) mil-każijiet serji nbidel għal mainstream.

Niġbdu l-attenzjoni li l-figuri li ġew ippublikati fir-regolamenti ta' Novembru, għall-iskola St. Angela Msida, oriġinarjament kienu jinkludu disgħa (9) postijiet mainstream. Hawn saru xi aġġustamenti u tnaqsu għal tlett (3) postijiet. Hekk it-total ta’ postijiet jiġi tlett mija u għoxrin (327-2+1-6=320) post. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma’ “Applikanti Oħra”.

**It-total ta’ applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 24 |
| *1ċ Aħwa* | 100 |
| *1ġ Tfal tal-impjegati fi skola oħra* | 6 |
| ***Total*** | **130** |

## Postijiet għal Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten li għandhom bżonn l-Għajnuna ta’ L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta’ postijiet offruti għall-bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta’ L.S.E. huwa ta’ 26 post. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, il-postijiet disponibbli jiġu l-ewwel offruti għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma’ “Applikanti Oħra”.

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1ċ Aħwa* | 5 |
| ***Total*** | **5** |

**Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet Soċjali**

Skont ir-Regolamenti t-total ta’ postijiet vakanti għat-tieni sena Kindergarten bniet każijiet soċjali huwa ta’ sitt (6) postijiet. Post (1) żdied minn tas-subien għall-bniet. Għalhekk postijiet

vakanti huma ta’ sebgħa (7) postijiet. Irċevejna (1) applikazzjoni għal talba ta’ trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1D u setgħet tiġi akkomodata. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta’ każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

**Bniet tat-Tieni Sena Kindergarten Każijiet tal-Ażil**

Skont ir-Regolamenti t-total ta’ postijiet vakanti għat-tieni sena Kindergarten bniet każijiet tal-ażil huwa ta’ erba’ (4) postijiet. Post (1) inqaleb għal mainstream. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jintlaqgħu f’Marzu.

## Konklużjoni

Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet tas-subien u tal-bniet: *mainstream*, bis-sapport, soċjali u tal-ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f’din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġranet li ġejjin fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f’www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista’ ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Jekk ħuthom ikunu applikaw f’livelli ogħla u nkitbu fi skola, iż-żgħar ikunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta’ ħuthom. Dan ifisser li n-numru ta’ postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista’ jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha kkonċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **30 ta’ Jannar 2025**